Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fiż-Żurrieq:

L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 38.44 metru twila, b'punt ħamsa u disgħin metru (0.95) wiesgħa u b'punt ħamsa u disgħin metru (0.95) fond u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' 3,871 metru kwadru, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' sidien mhux magħrufa mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2026_0800, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-6 ta' Awwissu, 2026

Now, therefore, I, by means of the powers of section 71 of the mentioned Act, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land in Żurrieq:

The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 38.44 metres long, 0.95 metres wide and 0.95 metres deep and laying of services for an indefinite period, in a field measuring about 3,871 square metres, which field is bounded on the North and South by unknown owners and on the East by Governemnt property or more precise boundaries.

The above-mentioned land is shown with the colour red on plan marked P.D. 2026_0800, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

6th August, 2026

Nru. 1207

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

Il-11 ta' Awwissu, 2026

No. 1207

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

11th August, 2026

Nru tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRIRES 1/2025/0017	051098	8th Portion of lands, Is-Santi k/a Il-Kanni, Mġarr	To purchase residence built on Governemnt owned agricultural land

AGRI l/2024/0753	J293348	Raba' Ta' Limless limiti, Sannat, Għawdex	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI l/2026/0106	050335	2 fields at Ta' Zakkin, Naxxar, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a full-time/part time farmer
AGRI l/2025/0798	J69771	Il-Ħmieri jew Iċ-Ċiaki, Mosta, Malta	Recognition of Government owned agricultural land by title of agricultural lease in terms of Subsidiary Legislation 573.06
AGRI l/2025/0737	J212470	Raba' Ta' "Għajn Xejba" Xagħra, Gozo, Malta	Recognition of Government owned agricultural land by title of agricultural lease in terms of Subsidiary Legislation 573.06
AGRI l/2026/0316	J64301	Raba' Tal-Ġnejna, Għarb Gozo, Malta	Recognition of Government owned agricultural land by title of agricultural lease in terms of Subsidiary Legislation 573.06

Nru. 1208

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, l-10 ta' Awwissu, 2026 għall-Kunsill Lokali ta' Pembroke biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Raymond Lanzon huwa dak li ismu jidher hawn taħt:

SALIBA HOWGATE IVAN

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-11 ta' Awwissu, 2026

No. 1208

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 10th August, 2026 for the Local Council of Pembroke to fill the post vacated by Mr Raymond Lanzon is that whose name is shown hereunder:

SALIBA HOWGATE IVAN

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

11th August, 2026

Nru. 1209

MALTA BUSINESS REGISTRY

Avviż tar-Reġistru tal-Kumpaniji

SKONT is-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-Regolamenti Dwar Kontinwazzjoni ta' Kumpanniji, 2002, qiegħda ssir notifika li fit-23 ta' Lulju, 2026 ġiet konsenjata għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni, kopja ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti ta' ELDRILL II LTD. (C 107361) b' uffiċċju reġistrat f' Dragonara Business Centre, 5th Floor,

No. 1209

MALTA BUSINESS REGISTRY

Notice of Registry of Companies

IN accordance with paragraph (i) of regulation 15 of the Continuation of Companies Regulations, 2002, it is hereby notified that on the 23rd July, 2026 a copy of an extraordinary resolution of the shareholders of ELDRILL II LTD. (C 107361) with registered office at Dragonara Business Centre, 5th Floor, Triq id-Dragunara, Paceville,